MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 130/2011

**John Tabone (ID 459057M) ezercenti l-kummerc taht l-isem 'Bjorn Rent-A-Car'**

**Vs**

**Joseph Borg ( ID93966M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas ta' tlett elef hames mija tlieta u sittin euro u tlieta u tmenin centezmu (€3,563.83) rapprezentanti prezz ta' servizzi moghtija lill-intimat fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa' ma thallasx (ara l-prospett anness u mmarkat Dok A).

Minkejja li gie interpellat jhallas diversi drabi, inkluz permezz ta' l-ittra ufficjali numru 568/2011 mahruga ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok B), l-intimat baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmmija u dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat konteswalment ma’ dan l-avviz u bl-imghaxijiet bl-oghla rata jew rati permessi mill-ligi, fuq is-somma mitluba, dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness sal-gurnata tal-hlas effettiv.

L-intimat gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 u fol 3 tal-atti u markati <u>Dok A u Dok B</u>.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess rikorrenti sabiex l-intimat jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-intimat naqas u ma deherx fis-7 ta' Marzu 2012 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat sabiex jhallas lill-istess rikorrenti s-somma ta’ €3563.83 bl-imghax legali, ‘a scaletta’ mid-data tal-fatturi relattivi skond kif rizultanti mill-anness dokument markat <u>Dok A</u> a fol 2 ibid sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 568/2011 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tad-19 ta’ April 2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------